MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Numru. 243/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**
**VS**
**KEITH GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Keith Galea, bin George u Susanna nee’ Portelli, mwieled Pieta’ nhar l- 24 ta’ April 1986, residenti 17, Flat 3, Triq il-Kewba, Bormla u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 192986M ;

Talli;

1) fl- 10 ta’ Dicembru 2011, fl- inhawi ta’ Bormla, ikkommetta serq ta’ oggett u cioe’ rimmijiet ta’ vettura tal-ghamla BMW, liema serq li sar ghad- detriment ta’ Reno

Azzopardi minn Bormla u/ jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil- valur li jammonta ghal aktar minn €116.57 imma mhux aktar minn €2,329.37 u bil- hin;

2) ukoll talli sar recidiv b' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal- Magistrati datat fit- 3 ta' Mejju 2010 quddiem il-Magistrat Antonio Mizzi LL.D;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi l-addebitu tar-recidiva, ghalkemm inghatat, ma kienetx applikabbli ghal dan il-kaz;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 270 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati w ghaldaqstant tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------